SANTA LUĊIJA

# MINUTI – IS-SITT KUNSILL

## LAQGĦA NUMRU 07-12

Illum it-Tnejn, 8 ta' Ottubru 2012
Il-Kunsill iltagħqa fl-Uffiċċju Amministrattiv, 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fit-3.30p.m.

## PREŻENTI

Is-Sindku Frederick Cutajar, il-Viċi Sindku Terrance Ellul u l-Kunsilliera: Joe Bonello, Caroline Galea u Victor Camilleri.

## ASSENTI

Ħadd

## TALBA

Is-Sindku qal it-talba.

## 1. MINUTI

Il-Minuti tal-Laqgħa numru 06-12 li saret nhar it-Tnejn, 24 ta' Settembru 2012 ġew moqrija u approvati.

## 2. KORRISPONDENZA

### 2.1 *Listi*

Lista tal-korrispondenza riċevuta u lista oħra tal-korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill bejn l-24 ta' Settembru 2012 u t-8 ta' Ottubru 2012 ġew ippreżentati fil-laqgħa.

Kopja taż-żewġ listi ntbagħtu lil Kunsilliera kollha.

### 2.2 *Korrispondenza miġjuba għall-attenzjoni tal-Kunsill*

#### 2.2.1 *Ittri mibgħuta mill-Kunsill:*

- 1098/12/O – Allcare Insurance – *Letter of Acceptance* SLLC Q(57/12/09)
- 1114/12/O – Heritage Enterprise – UN *Global Compact*

#### 2.2.2 *Ittri li rċieva l-Kunsill:*

- 1336/12/I – Marsaskala Day Centre – *Open Day*
- 1092/12/I – Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali – Ċirk. 66/2012 – Laqgħa għall-Kunsillieri
- 1112/12/I – Kumitat Olimpiku Malti – MOC *Local Council Sports Awards* 2012
- 1115/12/I – Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali – Ċirk. 69/2012 – Konferenza Proġett TICTAC
- 1122/12/I – Dipartiment għall-Gvern Lokali – Artiklu fuq l-Orizzont

### 2.3 *Rapporti u Dokumenti oħra ppreżentati lil Kunsill:*

- SLLC *Memo* 18/2012 - SLLC Q(57/12/09) – *Insurance Services*
- Id-dokument tat-***Tender for the Provision of Local Wardens Services* – Regjun Nofsinhar**

## 3. PUNTI MQAJMA

**3.1** B’referenza għall-korrispondenza bin-numru 1336/12/I is-Sindku qal li kien ser jattendi għall-*open day* tal-Marsaskala Day Centre.

**3.2** B’referenza għall-korrispondenza bin-numru 1092/12/I is-Sindku fakkar lil membri tal-Kunsill li min ser jattendi għal-laqgħa għall-Kunsillieri ta’ Malta u Għawdex għandu jinforma l-Kunsill sa mhux aktar tard mill-Ġimgħa, 2 ta’ Novembru 2012.

**3.3** B’referenza għall-korrispondenza bin-numru 1112/12/I il-Kunsill qabel li jidħol fl-iskema ta’ l-MOC *Local Sports Awards*. Is-Sindku semma l-inizjattivi relatati ma’ l-isports li ħa l-Kunsill matul l-aħħar sena. Huwa semma fost l-oħrajn il-proġett tal-Jogging Track bl’ installazzjoni ta’ sistema ta’ dawl bl-LED biex tinxtegħel din it-*track*. Semma wkoll l-għajnuna u l-appoġġ li jingħata lil Football Nursery u lil Klabb tal-Boċċi.

**3.4** B’referenza għall-korrispondenza bin-numru 1115/12/I is-Sindku rrefera għaċ-ċirkulari 69/2012 li kopja tagħha ntbagħtet lil Kunsillieri permezz ta’ l-*e-mail*. Huwa fakkar li d-data ta’ l-għeluq għal min jixtieq jattendi għall-Konferenza Proġett TICTAC hija l-Erbgħa, 10 ta’ Ottubru 2012.

**3.5** B’referenza għall-korrispondenza bin-numru 1122/12/I is-Sindku qara ittra li dehret fil-ġurnal l-Orizzont tas-Sibt, 6 ta’ Ottubru 2012. Huwa qal li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali talab il-kummenti tal-Kunsill fir-rigward tal-kontenut ta’ din l-ittra. Saret diskussjoni u l-Kunsill fil-kummenti tiegħu stqarr li għalkemm mhux kuntent mija fil-mija bis-sitwazzjoni ta' ndafa fil-lokalita', żgur li mhux minnu dak li deher f'din l-ittra, li hawn telqa nobis, u ta' dan iħalli n-nies jiġġudikaw.

Il-Kunsill innota li skond min kiteb din l-ittra l-problema ta' nuqqas ta' ndafa ġejja mir-residenti li ma joħorġux l-iskart fil-ħin stabbilit mill-Kunsill u minn nies li jħammġu l-*area* tal-bandli. Il-Kunsill stqarr li huwa determinat li jnaddaf wara kull min iħammeġ u kontinwament jinsisti mal-kuntratturi biex jikkoperaw aktar. Il-Kunsill semma wkoll il-kampanja edukattiva kontinwa biex l-iskart jinħareġ fil-ħin stabbilit mill-Kunsill. Fakkar ukoll li meta l-Kunsill kera servizz tal-Green Wardens ftit li xejn kien hemm min inqabad iħammeġ. Kien hemm qbil li fil-laqgħa li jmiss il-Kunsill jiddiskuti jekk jirrevedix il-ħinijiet tal-ġbir ta' l-iskart domestiku.

## 4. KOMUNIKAZZJONIJIET

### 4.1 *UN Global Compact*

Is-Sindku rrefera għall-*letter of committment* fejn il-Kunsill ikkonferma li jappoġġa l-għaxar prinċipji tal-UN *Global Compact* favur id-drittijiet tal-bniedem, ix-xogħol, l-ambjent u kontra l-korruzzjoni.

### 4.2 *Blue Sticker Sign*

Saret referenza għar-*reserved parking* li kien sar fi Triq Maria De Domenicis minħabba resident li issa ġie nieqes. Il-Kunsill qabel li fejn kien hemm *reserved parking* titwaħħal *blue sticker* biex din il-*parking bay* tibqa' tintuża minn persuni li huma *blue sticker holders*.

### 4.3 *Korsijiet għat-Tfal*

Is-Sindku nforma l-Kunsill dwar laqgħa li kellu ma' għalliema li qed toffri li tagħmel korsijiet bl-isem ta' '*Educational and Creative Workshops for Children'*. Huwa ppropona li l-Kunsill jikri s-servizz li qed toffri din l-għalliema. Huwa kompla jgħid li dawn il-korsijiet huma ntenzjonati għal tfal li jsibuha diffiċli biex jesprimu ruħhom u jintegraw ma' tfal oħra. Il-Kunsill qabel li jinħareġ avviż ta' nteress għal dan il-kors.

### 4.4 *Keep Fit Classes*

Il-Kunsill qabel li jerġa' jorganizza *keep fit classes* bil-ħlas għar-residenti. Is-Sindku qal li jidher li hemm numru ta' nies li wrew interess li jattendu għal dawn il-korsijiet. Is-Segretarju Ezekuttiv ġiet inkarigata biex tikkordina dawn il-korsijiet.

### 4.5 *Xiri ta' Ktieb*

Il-Kunsill qabel li jixtri ġabra ta' kitbiet dwar Duminku Mintoff - Bejn Storja u Miti. Is-Sindku qal li din hija offerta ta' qabel il-pubblikazzjoni u qed tinbiegħ bi prezz speċjali.

### 4.6 Attivita' privata fi Ġnien is-Serenita'

Is-Sindku nforma l-Kunsill li inħareġ permess biex Ġnien is-Serenita' jinkera bħala *venue* għal attivita' mtella' minn skola privata. Huwa qal li l-permess inħareġ bi ħlas skond il-*Bye-Laws* ta' Ġnien is-Serenita'. Huwa kompla jgħid li peress li din

l-attivita’ kienet barra l-ħinijiet ta’ l-uffiċċju u kienet tirrikjedi kordinament u preparazzjoni ta’ apparat, il-Kunsill kera s-servizz ta’ kordinatur għal waqt din l-attivita’. Huwa qal li l-ħlas mitlub għal dan is-servizz kien dak ta’ €50.

### 4.7 *Proposta għall-Xmas Market*

Il-Viċi Sindku qal li ġie avviċinat dwar proposta biex jittella’ *Xmas Market* fi Pjazza 7 ta’ Lulju u xtaq ikun jaf il-proċedura li hemm bżonn biex issir din l-attivita’. Is-Segretarju Eżekuttiv qaltlu li għandu jġib id-dettalji kollha ta’ din l-attivita’ u jġib il-permess relatat mill-Kunsill u l-Pulizija.

## 5. AFFARIJIET FINANZJARJI

### 5.1 *Ħlas ta' pagamenti*

Approvazzjoni għall-ħlas ta' kontijiet permezz ta' ċekkijiet minn numru BOV4223 sa numru BOV4259 kif illistjati fl-iskeda tal-pagamenti għal perjodu bejn l-24 ta’ Settembru 2012 sat-28 ta’ Settembru 2012.

Lista ta’ *Schedule of Payments* intbagħtet lil Kunsillieri kollha flimkien mal-Minuti numru 06-12.

### 5.2 *Approvazzjoni għall-Ħlas tas-Salarji*

Salarji għax-xahar ta' Settembru 2012 Ammont *Gross* €5,239.48

### 5.3 *Approvazzjoni għall-Ħlas ta' Kontijiet dwar Xogħolijiet bil-Kuntratt:*

| **Kuntrattur** | **Kuntratt** | **Kont** | **Ammont** |
|---|---|---|---|
| ELC Ltd. | PKG 57 | Serv.Sett.12 | 2061.50 |
| Owen Borg | SS(57/12/01) | Serv.Sett.12 | 1025.20 |
| Asfaltar Construction Ltd. | RR\PW (57\09\05) | 714 | 650.00 |
| Karl De Flavia | Q(57/11/08) | Q(57\11\08) | 2227.85 |
| Saviour Mifsud | (PCA)57/11/06 | Serv.Sett.12 | 437.87 |

## 6. XOGĦOLIJIET

### 6.1 *Ċentru Ċiviku*

Is-Sindku ppreżenta quddiem il-Kunsill il-pjanti tal-proġett taċ-Ċentru Ċiviku. Huwa spjega fid-dettal il-*layout* ta' kull sular kif propost. Is-Sindku qal li dan iċ-Ċentru ser ikun *zero emissions* grazzi għall-pannelli tal-ħġieġ li jiġbru l-enerġija u ser jinkludi fih l-uffiċini tal-Kunsill, *Day Centre* għall-Anzjani u *Child Care Centre*, librerija u IT *Learning Centre* kif ukoll *multi purpose hall*. Huwa qal li bħalissa l-Kunsill qed iħejji applikazzjoni għall-fondi mill-Unjoni Ewropea taħt l-ERDF. Is-Sindku qal ukoll li l-Kunsill irid isib €250,000 oħra għall-ko-finanzjament ta' dan il-proġett. Huwa qal li l-Kunsill għaddej b'taħdidiet ma' l-MRRA u ser jiltaqa' wkoll ma' l-Onor. Chris Said, Ministru tal-Ġustizzja, Djologu u Familja dwar il-ko-finanzjament ta' dan il-proġett.

### 6.2 *Manutenzjoni ta' Ħitan*

Il-Kunsill ta l-approvazzjoni tiegħu biex isir xogħol ta' manutenzjoni fuq diversi ħitan madwar Santa Luċija. Is-Sindku qal li bil-kuntratt il-ġdid tal-manutenzjoni ta' toroq u bankini, il-Kunsill ikun jista' jagħti bidu għal dan ix-xogħol minnufih.

### 6.3 *Kwotazzjonijiet*

Is-Sindku qal li kien talab għall-kwotazzjoni ta' arblu komplut bil-lampi LED għall-Ġnien Ċiniż. Huwa ppropona li l-ispiża għal dawn il-lampi tiġi nkluża fil-*budget* li jmiss. Huwa ppropona wkoll li jsiru żewġ arbli oħra fil-Jogging Track viċin is-*subway.*

### 6.4 *Manutenzjoni tal-5-a-side Football Pitch*

Il-Viċi Sindku rrefera għar-*rubber* li nqala' mill-5-*a-side football pitch* u qed iħammeġ il-*playing field area*. Is-Sindku qal li kien kellem lil MFA u ser issir il-manutenzjoni tas-*synthetic turf* fil-ġranet li ġejjin. Intant għandha tinġibed l-attenzjoni tal-kennies biex isir it-tindif ta' l-*area* msemmija.

### 6.5 *Żbir ta' Siġar*

Il-Kunsillier Victor Camilleri staqsa jekk jistgħax isir iż-żbir tas-siġar fi Pjazza Dorell. Is-Sindku qal li kif ikun iż-żmien opportun jinżabru dawn is-siġar.

## 7. SKUŻATA

Il-Kunsilliera Caroline Galea talbet lil Kunsill biex tiġi skużata għax kien ser ikollha tmur l-isptar peress li kien ġie rikoverat missiera b'urġenza.

## 8. OFFERTA RM/PF (57/12/02) – *Road Maintenance Works*

Is-Sindku stieden lil żewġ residenti minn Santa Luċija, is-Sur Laurence Ciantar u s-Sur Andre Zammit li flimkien mal-membri tal-Kunsill kienu jiffurmaw l-*Adjudication Committee* fuq offerti li joħroġ il-Kunsill. Huwa talab lil kumitat biex jevalwa l-offerti li ntefgħu u jasal għal deċiżjoni finali. Is-Sindku qara rapport dettaljat imħejji mill-periti tal-Kunsill dwar iż-żewġ kuntratturi li tefgħu l-offerta tagħhom għal din is-sejħa, li kienu Karmig Trading Ltd. u Ricky Caruana. Saret diskussjoni u kulħadd ingħata ċ-ċans jesprimi l-opinjoni tiegħu fir-rigward ta' dawn l-offerti. Finalment l-*Adjudication Committee* irrakkomanda lil Kunsill li jmur għall-orħos offerta, dik ta' Ricky Caruana. Is-Sindku qal li l-Kunsill ser jimxi mal-*policy* tiegħu u jmur għall-orħos offerta, biss xtaq ukoll jirringrazzja lil Karmig Trading Ltd. tas-servizz li ta lil Kunsill tul is-snin.

## 9. TMIEM/AĠĠORNAMENT

Il-Laqgħa ntemmet fil-5.15p.m.

Il-Kunsill jerġa' jiltaqa' nhar it-Tnejn, 19 ta' Novembru 2012 fl-4.00p.m.

**Caroline Silvio**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Approvati llum <u>it-Tnejn, 19 ta' Novembru 2012</u>**

**Frederick Cutajar**
**Sindku**